MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 06

Il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali Il-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq ta' Mulejja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi-Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia - Kunsillier

ASSENTI:

Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

### 06.1 Talba

06.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

### 06.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

06.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai kien assenti u sal-ħin tal-laqgħa l-Kunsill ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġija.

### 06.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

06.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 5 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

06.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

06.3.3 Is-Sindku qal li bi żvista fil-laqgħa li għaddiet ma ntqalx li l-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Jonathan Cefai ngħataw il-midalja tad-deheb bl-emblema tal-Kunsill.

06.3.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 06.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

06.4.1 Is-Sindku, s-Sur Saviour Borg, għarraf li saret b'suċċess il-ġita' fi Sqallija li organizza l-Kunsill flimkien ma' Eurotours bil-vjaġġ ikun bl-Air Malta, fejn attendew 39 persuna inkluż it-tour leader. Fosthom kien hemm ukoll is-Sindku s-Sur Saviour Borg, il-Viċi Sindku s-Sinjura Josephine Camilleri u l-Kunsilliera s-Sur Horace Micallef u s-Sur Carmel Farrugia. Huwa qal li l-grupp żar l-ibliet ta' Catania, Messina, Taormina u Siracusa, il-kumpless kummerċjali Auchan, kif ukoll il-Fiera Dei Morti. Bħas-snin l-imgħoddija l-Kunsill ħareġ l-ispejjeż tat-trasport kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

06.4.2 Is-Sindku għarraf ukoll li ġiet amministrata l-vaċċin tal-influwenza mit-tabib Dr Michael J. Refalo fis-Sala tal-Komunita'. Mit-22 applikant, il-vaċċin ingħata lill-20 persuna minħabba li tnejn minnhom kienu diġa' ħaduha miċ-Ċentru tas-Saħħa.

06.4.3 Is-Sindku informa lill-membri li tħawlu pjanti tal-*Lantana* fil-*playingfield* tal-lokalita' u li hemm bżonn isir xogħol ta' żbir tal-pjanti tal-*Pittisporum*. Kien hemm qbil dwar dan.

06.4.4 Is-Sindku informa lill-membri li wara diversi talbiet u tentattivi, l-Kunsill irnexxielu jakwista 300 pjanta *pansies* mill-*voucher* tal-iskema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali : Xettel fir-Rebbiegħa. Dawn qed jitħawlu kull fejn hemm il-qsari.

06.4.5 Is-Sindku, informa lill-membri li beda s-servizz provdut minn WasteServ Malta Ltd taħt l-iskema 'Sort It Out' permezz ta' trakk speċjalizzat. Dan qed ikun ipparkjat fi Triq ta' Mulejja kull tieni Ħamis tax-xahar bejn id-9.30am u s-1.30pm. Qed jiġbor fih skart bħal ġablo, plastik, ħġieġ, karti u kartun, ħadid, bozoz, żjut, drappijiet u tessuti. Is-Sindku ssuġġerixxa li apparti li qed isir avviż fuq il-paġna tal-Kunsill fil-midja soċjali, jitqassam avviż bieb bieb lir-residenti tal-lokalita'. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

06.4.6 Is-Sindku informa lill-membri li t-tabella 'Cul de Sac' ta' Triq Għajn Tuta twaħlet f'postha mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex.

06.4.7 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, għarraf lill-membri preżenti li x-xogħol ta' żebgħa tal-marki stradali anke dawk tat-toroq arterjali, għadhom kif kienu u minkejja diversi talbiet lill-Ministeru għal Għawdex dawn baqgħu ma sarux. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef wieġeb li ser isiru nhar it-Tnejn li ġej minħabba li t-temp ma ppermettiex.

06.4.8 Is-Sindku informa lill-membri li attenda għas-Seduta Speċjali tal-Parlament fl-okkażjoni ta' Jum Għawdex, fejn kienu mistiedna r-Reġjun t'Għawdex, is-Sindki Għawdxin u l-korpi kostitwiti flimkien mal-Ministru għal Għawdex u d-Deputati Parlamentari Għawdxin, id-Deputat Prim Ministru Dr Chris Fearne u l-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Adrian Delia.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

06.4.9 Is-Sindku ressaq ilment minn resident sabiex jitwal b'nofs metru id-*double yellow line* li hemm preżentament fi Triq il-Kappillan Hili quddiem l-entratura tal-kumpless 'Fontanella Gardens'. Kien hemm qbil dwar dan.

06.4.10 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, ġibed l-attenzjoni tal-membri li waqt li kien qed isir ix-xogħol ta' pavimentar taz-zuntier tal-Knisja, il-kuntrattur b'nuqqas t'attenzjoni ċappas il-pavimentar tal-Kunsill bis-siment. Huwa kompla li anke l-bankina ta' quddiem iz-zuntier saritilha l-ħsara bl-istess mod u flokk din il-ħsara ssewwiet billi tpoġġa *porfido* ieħor flok li kien hemm, issewwa billi ingħalaq kollox bis-sument. Kien hemm qbil mill-membri li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħol dwar dan.

06.4.11 Is-Sindku informa lill-membri wkoll li wara li nġibdet l-attenzjoni mill-Kunsill lill-Kappillan li l-bieba tad-dawl ta' fanal ta' fuq iz-zuntier ma kinitx għadha hemm u li kien hemm il-periklu, din tranġat minnufih iżda saret tal-injam minflokk tal-ħadid kif kienet qabel. Huwa kompla li dawn il-fanali li huma devoluti lill-Kunsill, ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex jintfew jew isir xi manutenzjoni fuqhom. Huwa qal li l-provvediment tad-dawl għal dawn il-fanali m'għadux mill-istess post iżda jidher li qed jieħdu d-dawl minn fuq il-Knisja, tniżżel għal fuq iz-zuntier minn ġo *pipe* tal-*conduit* tal-plastik li qiegħed fil-wiċċ u faċilment jista' jintmess mit-tfal bil-periklu kollu li jista' jġib miegħu, dan meta qabel il-*wire* kien għaddej minn ġo kanna apposta tul ta' diversi piedi biex ma jkunx jista' jintlaħaq. Huwa qal li l-Kunsill ma kien infurmat fl-ebda ħin dwar dan u jispera li sar ix-xogħol almenu bl-awtorizzazzjoni tal-Inġinier tal-Enemalta. Il-Kunsillier, is-Sur Carmel Farrugia qal li l-prattika titlob ukoll li l-ewwel sitt piedi *pipe* mnejn jgħaddu l-*wires* ikunu għaddejjin ġo protection *pipe*. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Kappillan.

06.4.12 Is-Sindku informa lill-membri li wasal iż-żmien sabiex il-Kunsill jippubblika l-fuljett ta' Diċembru 2019 bl-aħbarijiet u l-ħidma tal-Kunsill tal-aħħar sena. Huwa ressaq suġġeriment sabiex ma' dawn ikun hemm sezzjoni fil-fuljett bin-numri tat-telefon importanti u ta' emerġenza li wieħed jista' jiġi bżonn. Kien hemm qbil dwar dan.

06.4.13 Is-Sindku għarraf lill-membri li kif maqbul fl-aħħar laqgħa, ser jinħareġ l-avviż dwar il-ħarġiet soċjo-kulturali ta' Diċembru 2019. Ħarġa ta' nofs ta' nhar f'Għawdex nhar is-6 ta' Diċembru 2019 fejn

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

ikollna quddiesa fil-Kappella ta' San Pupulju ħdejn is-Santwarju ta' Pinu fl-Għarb, inżuru wkoll is-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-Qala u nagħlqu b'ikla fir-ristorant 'Il-Menħir' tal-ITS, il-Qala. Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ser jorganizza wkoll ħarġa f'Malta nhar il-Ħadd 15 ta' Diċembru 2019 fejn ser inżuru l-Mużew Wignacourt tal-Kolleġjata ta' San Pawl fir-Rabat Malta, il-villaġġ tal-Milied Natalis Notabilis, kif ukoll l-istabiliment kummerċjali PAMA.

06.4.14 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa wkoll li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv saret laqgħa mal-Inġinier tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fejn waqt il-laqgħa ġie kkonfermat mill-Inġinier li l-*main* tad-drenaġġ ser jinbidel minn Triq il-Qalb ta' Ġesu 'il fuq. Huwa qal li dakinhar saret talba mal-Inġinier biex jekk ikun hemm il-ħtieġa jinbidel il-main kollu tad-drenaġġ fejn ser isir ix-xogħol. Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-Ministeru għal Għawdex ikkonferma li ser jiffinanzja x-xogħol tal-bdil tas-servizzi tad-drenaġġ, kif mitlub mill-Kunsill wara deċiżjoni li ttieħdet mill-membri fl-aħħar laqgħa. Huwa qal li fuq insistenza tiegħu u tas-Segretarju Eżekuttiv li ċċaraw is-sitwazzjoni mal-Avukat tal-Kunsill wara li saru l-verifiki neċessarji fil-kundizzjonijiet tas-sejħa tal-offerti għax-xogħol f'dik it-triq, l-Avukat tal-Kunsill ta parir lill-Kunsill li jista' jagħmel dan ix-xogħol addizzjonali u jitħallas bl-istess kuntratt ma' Gatt Tarmac Ltd.

06.4.15 Is-Sindku informa lill-membri li wara l-laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana, fuq is-sitwazzjoni ta' Triq il-Għajn, fejn l-istess Ministru laqgħet il-proposta tas-Sindku biex isir wiċċ ġdid għall-parti li ser jibqa' minn Triq il-Għajn (jiġifieri minn Triq il-Kappillan Hili sa quddiem il-Knisja), is-Sindku qal li hemm bżonn inqabdu lill-Perit tal-Kunsill sabiex iħejji stima u pjanta ta' din il-parti tat-triq. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal li l-istima għandha jkollha nkluża fija s-servizzi tal-ilma u tad-drenaġġ kif ukoll il-VAT. Kien hemm qbil dwar dan.

06.4.16 Is-Sindku informa lill-membri li wara li saret talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-premju tal-kompetizzjoni Xettel fir-Rebbiegħa ta' €2,000 mgħoti lill-Kunsill, jkun jista' jitħallas parti mill-kont tal-installazzjoni tal-fanali dekorattivi fi Triq John Gaspard le Marchant u Triq il-Kardinal A. Franchi ġiet milqugħa.

06.4.17 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill jinforma lil Maltapost Plc biex meta l-pustiera jqassmu ittri u reklami bieb bieb, jitfgħu l-

posta fil-*letterboxes* u mhux fuq l-għatiebi tad-djar għax qed itiru bir-riħ u jkun hemm nuqqas ta' ndafa fit-toroq tal-lokalita'. Kien hemm qbil dwar dan.

06.4.18 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
FLC/05/2019 – Tender icw Embelishment Works at Triq iċ-Ċentru Parrokkjali and Triq Ta' Mulejja, Fontana (re-issue).
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar it-Tlieta 10 ta' Settembru 2019. Kien hemm offerta waħda :
Ebson €105,144.01
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta ma tingħatax għax teknikament l-offerta ma kinitx konformi mar-rekwiżiti minħabba ċertifikat skadut u li ma kellux l-analiżi meħtieġa.
Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat. Is-Sindku ppropona u kien hemm qbil mill-membri preżenti, li ssir talba lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jagħti permess lill-Kunsill sabiex din l-offerta tingħata bħala *direct order* minħabba li s-sejħa għall-offerti ħarġet tlett darbiet u ma nstab l-ebda offerent eliġibli.

06.4.19 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri tal-Kunsill li skont ir-riforma fil-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill irid isejjaħ il-Laqgħa Pubblika Annwali sal-15 ta' Diċembru 2019 fejn fiha jippreżenta l-estimi annwali tal-lokalita'. Is-Sindku qal li din il-laqgħa sa issa għadha ma tistax issir minħabba li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għadu ma bagħatx iċ-ċirkulari bl-allokazzjoni kemm ser tkun għas-sena 2020. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

06.4.20 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg għarraf lill-membri dwar l-ikla tal-Milied tal-membri tal-Kunsill biex tinstab ġurnata għal din l-attivita'. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li din issir wara l-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru jiġifieri nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2019 hekk għas-7.30pm.

## 06.5 Jum il-Fontana 2019 ;

06.5.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li sar draft tal-program tal-attivitajiet marbuta ma' dan il-jum u ppreżenta kopja għall-informazzjoni tal-membri.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

06.5.2 Rigward Ġieh il-Fontana, is-Sindku nnomina lil Fr Alex Refalo filwaqt li talab lill-membri jekk jixtiequx jinnominaw lil xi ħaddieħor. Is-Sindku qal li qed jinnomina lil Fr Alex Refalo bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu bħala amministratur parrokjali fi żmien il-parrokat tal-mibki il-Kanonku Lino Vella li kien indispost. Fr Alex Refalo, għex lejl u nhar mal-Fontanin fid-Dar Parrokjali għal sena u nofs. Huwa kompla jgħid li Fr Alex kien irrispettat u maħbub minn kulħadd.

Il-membri kollha preżenti qabblu man-nomina tas-Sindku u għalhekk ġie kkonfermat Fr Alex Refalo bħala l-persuna li ser tirċievi Ġieh il-Fontana 2019.

**06.6 Xogħol ta' servizzi u kisi bit-tarmac f'parti minn Triq tal-Għajn ;**

06.6.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg informa lill-membri li bħalma qal aktar kmieni f'din il-laqgħa, ix-xogħol addizzjonali ser isir mill-istess kuntrattur fuq il-parir tal-Avukat tal-Kunsill wara li saru l-verifiki tad-dokumenti. Il-Kunsill qed jistenna li jirċievi komunikat mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġi ffirmat kuntratt ta' finanzjament għal dan ix-xogħol addizzjonali.

**06.7 Il-Proċess tal-Ħatra ta' Skrivan fi skala 15;**

06.7.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg, informa lill-membri li wara li ltaqa' l-bord tal-għażla u evalwa l-applikazzjonijiet mitfugħa, kien hemm tmien applikanti eliġibli, ħames applikanti li ma kienux eliġibli u tlett applikanti li kien hemm bżonn kjarifika għall-applikazzjoni tagħhom. Huwa qal li l-intervisti lill-applikanti eliġibli ser jibdew nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019.

06.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li d-Direttur tal-Kunsilli Lokali kien approva 104 sigħat ta' *vacation leave* biex jiġi mġedded għas-sena 2020 minħabba li kien hemm il-ħsieb li l-56 sigħat l-oħra jiġu utilizzati din is-sena la darba jiġi ngaġġat l-iskrivan mal-Kunsill. Dan apparti t-*time off in lieu* (minħabba li qed jidħol xogħol ukoll kull nhar ta' Sibt) ta' 78.75 sigħat sal-aħħar t'Ottubru 2019 li wkoll ser ikunu trasferiti għas-sena 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jibgħat talba oħra lid-Direttur sabiex il-56 sigħat jiġu mġedda għas-sena 2020 wkoll minħabba li l-iskrivan mhux ser ikun laħaq ġie kkonfermat qabel il-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

laqgħa ta’ Diċembru 2019. Kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti dwar dan.

## 06.8 Is-sitwazzjoni tal-*photocopier/printer* tal-Kunsill;

06.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li wara li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ġie deċiż sabiex l-Avukat tal-Kunsill jiċċara xi klawsoli mill-kuntratti, is-Segretarju Eżekuttiv avżah mal-ewwel iżda l-Avukat ma weġibx lura. Sadanittant il-kumpanija Grenke Renting Ltd bagħtet ittra uffiċċjali li ser jiġi tterminat il-kuntratt u l-Kunsill irid iħallas il-kirjiet sal-aħħar tal-kuntratt xorta waħda. Hekk kif il-Kunsill irċieva din l-ittra huwa reġa fakkar lill-Avukat dwar ir-risposta li kellu jagħti lill-Kunsill kif ukoll infurmah dwar l-aħħar ittra li rċieva mingħand il-kumpanija Grenke Renting Ltd. L-Avukat issuġġerixxa sabiex jagħmel laqgħa mar-rappreżentanti ta’ din il-kumpanija biex naslu għall-ftehim.

06.8.2 Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett, kien hemm qbil mill-membri sabiex isir kuntatt mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill mal-kumpanija Grenke Renting Ltd u jintlaħaq ftehim biex minnufih jitħallas dak li hu dovut s’issa mingħajr ma jitħallsu l-kirijiet sal aħħar tal-kuntratt u jiġi tterminat il-kuntratt minnufih mingħajr ebda penali.

## 06.9 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: Lulju 2019 - Settembru 2019;

06.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta’ Lulju 2019 sat-30 ta’ Settembru 2019.

06.9.2 Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, ir-rapport finanzjarju tat-tlett xhur : Lulju 2019 – Settembru 2019 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 06.10 Tiżjin tal-Milied 2019;

06.10.1 Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg issuġġerixxa sabiex it-tiżjin tal-Milied isir bħas-soltu hekk kif ġej : Triq il-Għajn mill-Knisja sa Pjazzetta fuq it-Tomba isir minn George Schembri għan-nom tal-Għaqda tal-Armar Fontana, filwaqt li Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Alessandro Franchi jsir minn Michael Bugeja, kif ukoll issir Triq il-Kappillan G Hili minn Michael Bugeja bil-prezzijiet bħal tas-sena l-oħra. Il-ħlas tal-konsum u l-kera tal-arloġġ tad-dawl jitħallas mill-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija.

06.10.2 Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa sabiex Triq il-Kappillan G Hili tintrema' minn George Schembri għan-nom tal-Għaqda Armar Fontana.

06.10.3 Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil mill-maġġoranza tal-membri għas-suġġeriment tas-Sindku.

06.10.4 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef issuġġerixxa sabiex lil George Schembri għan-nom tal-Għaqda Armar Fontana jiżdiedu fl-ammont ta' flus li l-Kunsill qed jagħti għal dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li dan ma jistax isir għax ma jistax jgħolli prezzijiet. Ma kienx hemm qbil dwar dan.

## 06.11 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti;

06.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-Kunsill irċieva ċ-ċertifikazzjoni għall-pagament tax-xogħol imwettaq minn Chris Gauci fuq il-fanali dekorattivi ta' Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, mingħand l-Inġinier ta' Galea Curmi Engineering Consultants Ltd.

06.11.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana li ser tkun qed torganizza attivita' bl-isem Milied fl-Għejun nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2019. Is-Sur Joseph Mercieca, president ta' din il-Kummissjoni, talab sabiex il-Kunsill jagħti l-permess għal din l-attivita' li ssir fi Triq Ta' Mulejja quddiem is-sala tal-Kunsill Lokali fejn it-triq tingħalaq bejn is-6.00pm u l-11.00pm. Il-President tal-Kummissjoni qal li f'każ ta' emerġenza l-vetturi jistgħu jgħaddu minn din it-triq xorta waħda peress li mhux ser ikun hemm l-ebda palk fin-nofs filwaqt li vetturi oħra jgħaddu minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sindku, is-Sur Saviour Borg saħaq li din id-deċiżjoni biex ma ssirx attivita' fi Triq Ta' Mulejja diġa' ttieħdet xahrejn ilu li ma tistax tingħalaq minħabba li hija triq li għandha aċċess min-naħa waħda bil-konsegwenza li r-residenti jkunu magħluqa ġo djarhom. Huwa qal li jekk ir-raġuni hija minħabba spejjeż tal-immaniġjar tat-traffiku, mhux

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

il-każ peress li jekk Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali ser tkun two way, xorta waħda irid ikun hemm uffiċċjali tal-immaniġjar tat-traffiku minħabba li hija triq dejqa wisq u tgħaddi karozza waħda. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-maġġoranza tal-membri sabiex dan il-permess ma jingħatax u kien issuġġerit sabiex l-attivita' issir fi Pjazza l-Għejun, li għaliha hija msemmija l-attivita' jew fuq iz-zuntier fejn il-Kunsill jagħti permess ukoll li tintuża' l-parti pavimentata tiegħu. Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ma qabilx ma din id-deċiżjoni.

06.11.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Salvinu Vella Fo30, uffiċċjali tal-komunita' ta' LESA, li rċieva l-ilment imressaq mill-Kunsill dwar persuni li qed jaħslu l-vetturi tagħhom bis-sapun fi Pjazza L-Għejun. Hu nforma lill-Kunsill li ser javża lill-uffiċċjali l-oħra tal-komunita' biex ikun hemm aktar spezzjonijiet fl-inħawi.

06.11.4 Wara li l-Kunsill kien bagħat talba lill-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex waqt il-laqgħa tar-Reġjun tiġi diskussa l-possibilta' li tinħareġ sejħa għall-offerti għas-servizz ta' Contracts Manager reġjonali għall-Kunsilli Lokali Għawdxin, il-Kunsill Reġjonali Għawdex bagħat konferma li din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss iżda wkoll ġie rrimarkat li ser tkun diffiċli biex tinħareġ tali sejħa minħabba li xi Kunsilli diġa' kellhom dan is-servizz u oħrajn diġa' ħarġu din is-sejħa. Il-Kunsill Reġjonali qal ukoll li jekk toħroġ fuq bażi ta' percentaġġi, din mhux ser tkun vijabbli għall-Kunsilli żgħar. Is-Sindku qal li jekk is-sejħa toħroġ reġjonali, din għandha tkun skont kemm iħallsu bħala kuntratt kull Kunsill Lokali u mhux kulħadd indaqs. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri li naraw l-eżitu tad-diskussjoni tal-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex iżda wkoll fuq suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv issir talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-possibilta' li l-iskrivan il-ġdid ikollu parti mid-doveri tiegħu ta' *Contracts Manager*.

06.11.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill Lokali tal-Fontana jixtieqx jipproponi xi emendi għall-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Kien hemm qbil mill-membri li preżentament l-iskeda qiegħda tintlaqa' tajjeb mir-residenti u għalhekk m'hemmx bżonn ta' emendi.

06.11.6 Il-Kunsill irċieva risposta għat-talba tal-Kunsill biex il-persuna li ressqet l-ilment, li qed jallega li waqa' xi ġebel minn taħt il-*belvedere* ta' Triq

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Ta' Mulejja fil-propjeta' teigħu, jipprovdi vera kopja tal-kuntratt tal-akkwist, li lest li juri kopja tal-kuntratt. Wara diskussjoni dwar dan fejn ħareġ il-fatt li l-Kunsill qed jimxi mal-istruzzjonijiet li ngħata mill-Perit tal-Kunsill, kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill iġib informazzjoni mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet hekk kif issuġġerit mill-Perit filwaqt li jittieħed parir minn Avukat.

06.11.7 Il-Kunsill irċieva talba mill-Parroċċa Qalb Ta' Ġesu' tal-Fontana biex il-Kunsill jagħti l-permess li ma jsibx oġġezzjoni sabiex jiġu organizzati l-Festa ta' pusses stal-Kappillan nhar is-Sibt 30 ta' Novembru 2019 kif ukoll il-Festa ta' Sant'Indrija nhar il-Ħadd l-1 ta' Diċembru 2019. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

06.11.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li rċieva telefonata mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta f'Għawdex li din is-sena ż-żjara tal-President mhux ser issir bħas-soltu iżda ser issir serata waħda għall-Kunsilli Lokali kollha t'Għawdex fejn fiha ser jiġu ppreżentati d-donazzjonijiet miġbura. Is-Sindku qal li għandhom jitqassmu l-*envelopes* f'kull residenza bħas-soltu u jintefgħu f'kaxxi apposta li ser ikun hemm fi tlett stabbilimenti fil-Fontana. Huwa ssuġġerixxa wkoll li ssir ġabra fl-attivita' ta' Jum il-Fontana. Kien hemm qbil dwar dan.

06.11.9 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand WasteServ Malta Ltd sabiex il-Kunsill jgħaddilhom l-informazzjoni tal-kont bankarju tiegħu biex ir-rifużjoni tal-ispejjeż marbuta mal-premju tal-ġbir tal-iskart organiku tal-2018 jintbagħat direttament fil-kont tal-bank. Kien hemm qbil dwar dan.

06.11.10 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jesprimi l-interess tiegħu biex jakkwista *smart bins* biex jiġu nstallati fi spazzji pubbliċi. Kien hemm qbil mill-membri biex il-Kunsill jara fejn hemm il-bżonn li jsiru *bins* ġodda jew biex jinbidlu u jkunu b'din it-teknoloġija l-ġdida.

06.11.11 Wara talba tal-Kunsill Lokali, fuq ilment ta' resident, biex tinqala' lampa LED fi Triq Wied Siekel mressqa lill-Kunsill Reġjonali Għawdex, il-Kunsill irċieva risposta li biex din il-lampa tinqala' trid teħel f'post ieħor fil-lokalita' minħabba li l-kundizzjonijiet tal-proġett. Wara suġġeriment tal-istess resident li ressaq l-ilment, kien hemm qbil mill-membri sabiex din il-lampa issir fuq in-naħa l-oħra tat-triq ma' arblu.

KUNSILL LOKALI FONTANA

Il-membri qalu li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

06.11.12 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsilli Lokali jagħmlu xi arranġamenti fis-sistema tal-*accounts* tagħhom sabiex il-*codes* tas-Sage jiġu immeppjati għall-*master account* li ser ikun fiha iċ-*Chart of Accounts* stabbilita' biex tkun komuni għal kulħadd u permezz ta' *software* li ser jiġi implimentat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali tkun faċilitata il-ġbir ta' rapporti kollettivi. Kien hemm qbil mill-membri li dan ix-xogħol mitlub isir mill-*Accountant* tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea.

06.11.13 Wara talba tal-Kunsill, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kkonferma li l-Kunsill jista' juża' fond tal-premju li kien ingħata fir-rigward tal-kompetizzjoni 'Xettel fir-Rebbiegħa' biex iħallas parti mill-ispejjeż tal-installazzjoni tal-fanali dekorattivi LED il-ġodda fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi u Triq John Gaspard Le Marchant. Il-membri nnutaw dan.

06.11.14 Ċirkulari AKL 2019/128 – Aħbar ta' mewt tas-Sur Charles Gatt, missier Noel Gatt, Kunsillier fil- Kunsill Lokali tan- Naxxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.15 Ċirkulari AKL 2019/129 - Aħbar ta' mewt ta' missier Candice Coppola, Assistent Prinċipal fil- Kunsill Lokali tal- Mosta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.16 Ċirkulari AKL 2019/130 - Bulky Waste Carriers at CA Sites. Il-Kunsill innota l-kontenut u ser jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

06.11.17 Ċirkulari AKL 2019/132 - 356 Holdings Ltd v. Assocazzjoni tal-Kunsilli Lokali et (ECC) - Risposta mahlufa tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.18 Ċirkulari AKL 2019/133 - Preparations for Black Friday. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.19 Ċirkulari AKL 2019/134 - Call for applications - youth delegates 2020 - 38th and 39th Congress Sessions / Appel à candidatures - délégués jeunes - 38e et 39e Sessions du Congrès. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

06.11.20 DLG Ċirkulari Numru 20/2019 – Emendi fl-*Allowances*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.21 DLG Ċirkulari Numru 21/2019 – *Management Letter*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.22 DLG Direttiva 04/2019 – Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.23 DLG Direttiva 05/2019 – Revoka ta' Direttiva Numru 4/2019 – Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.24 Il-Kunsill irċieva komunikat mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali bis-suġġett : Konferenza Nazzjonali dwar it-Tindif – Il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019 / 8.30am – Grand Hotel Excelsior, Floriana. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.25 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali Għawdex bis-suġġett : FORUM GĦAWDXI dwar Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019 fil-5.00pm. Il-Kunsill innota l-kontenut.

06.11.26 Ilment 10/2019 – S. Farrugia
Tilmenta biex isir ftit *patching* quddiem ir-residenza tagħha minħabba li qed iżomm l-ilma. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir spezzjoni fuq il-post mis-Sindku u jekk ikun il-każ isir ftit *patching* permezz ta' boroż tal-*cold asphalt*.

06.11.27 Ilment 11/2019 – J. Fenech
Jilmenta biex titranġa l-bankina ta' quddiem il-garaxx tiegħu minħabba li qed jipparkjaw il-vetturi fuqha u ġarbet xi ħsara, u la darba tkun qed issir il-manutenzjoni il-bankina issir rampa bl-istess *bricks*. Kien hemm qbil mill-membri li ssir talba fis-sistema tal-Ministeru għal Għawdex minħabba li hija triq li taqa' taħt ir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali.

06.11.28 Ilment 12/2019 – S. Camilleri
Jilmenta li hemm nuqqas ta' dawl fi Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata. Is-Sindku informa lill-membri li minn meta sar l-ilment, din ir-residenza nbiegħet. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm talba mir-resident il-ġdid, terġa' tiġi diskussa dakinhar.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

06.11.29 Ilment 13/2019 – I. Caruana

Qed jissuġġerixxi sabiex tinqala' l-bozza LED fi Triq Wied Siekel k/m Triq San Martin u teħel fuq in-naħa l-oħra ma' arblu. Qed jilmenta wkoll minħabba l-livell tat-triq quddiem il-garaxx tiegħu biex l-ewwel parti sa fejn hemm il-bollard jogħla l-livell tat-triq biex ikollu aċċess faċli għall-garaxx tiegħu. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li ssir talba lill-Kunsill Reġjonali Għawdex sabiex il-bozza LED timxi għal fuq arblu faċċata ta' fejn qiegħda preżentament minħabba li l-bozoz LED huma proġett tar-Reġjun, filwaqt li fuq il-problema tal-livell tat-triq ma kienx hemm qbil mill membri li jsir dan ix-xogħol peress li l-livell tat-triq sar kif kien qabel li sar taħt id-direzzjoni tal-Perit u jekk hemm xi problema hija ta' kif qiegħed il-livell tal-garaxx.

## 06.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

06.12.1 Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef ressaq suġġeriment sabiex isir ftit *patching* fi Triq is-Sajjieda k/m Triq l-Isptar San Giljan. Is-Sindku nfurmah li di kit-toqba hija tal-ftuħ u l-għeluq tal-*main* tal-ilma. Kien hemm qbil mill-membri li jsir dan ix-xogħol filwaqt li jinxtraw sitt boroż tal-*cold asphalt* għal meta jkun hemm il-bżonn.

06.12.2 Il-Kunsillier, is-Sur Carmel Farrugia ssuġġerixxa sabiex is-sinjal tal-marki stradali STOP fi Triq il-Kappillan Hili k/m Triq Santa Dminka għandu jiġi rtirat ftit lura minħabba li jkun ta' periklu għal min ikun qed jieqaf ma' dan is-sinjal x'ħin ikun ġej minn Triq il-Kappillan Hili *vis'a'vis* għal min ikun tiela 'il fuq minn Triq Santa Dminka. Kien hemm qbil mill-membri li dan isir kif issuġġerit. Il-Kunsillier, is-Sur Horace Micallef qal li ser jinforma hu lil tar-*roads section* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex isir dan ix-xogħol meta jkunu qed jiżbgħu l-marki stradali f'din it-triq.

## 06.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

06.13.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 05/2019 għall-perjodu bejn l-1 ta' Novembru 2019 u l-21 ta' Novembru 2019 li tammonta għal €8,141.27 ġiet approvata u ffirmata.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 06.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

06.14.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 19 ta' Diċembru 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2019.

*Iffirmata*
Saviour Borg
Sindku

*Iffirmata*
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA